

32000R2011

L 241/5

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

26.9.2000

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2011/2000
tat-18 ta' Settembru 2000**

li jimponi dazju kontra d-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' fluorspar li joriġina mir-Repubblika Popolari Ċiniża.

IL-KUNSILL TA L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidraw r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li jifqgħu (*dumping*) s-suq minn pajjiżi terzi li mhux Membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9, 11(2) u 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mogħtija mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Miżuri fis-seħħ

- (1) F'Marzu 1994, miżuri definittivi kontra d-*dumping* ġew imposti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 486/94 ⁽²⁾ fil-forma ta' dazju varjabbli assoċjat ma' prezz minimu ta' 113,50 ECU għall-kull tunnellata metrika ta' importazzjoni ta' *fluorspar* li joriġina mir-Repubblika Popolari Ċiniża ("ir-RPĊ"). Il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 1991 sat-30 ta' Marzu 1992.

2. Il-bidu tar-reviżjoni

- (2) Wara l-publikazzjoni ta' avviż dwar skadenza fil-qrib tal-miżuri kontra d-*dumping* fis-seħħ fuq l-importazzjoni ta' *fluorspar* li joriġina fir-RPĊ ⁽³⁾, f'Diċembru 1998, il-Kummissjoni rċeviet talba sabiex tirrevedi daww il-miżuri skond l-artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 (ir-"Regolament Bażiku").
- (3) It-talba saret minn Eurometaux, ("l-applikant") li aġixxa għan-nom tal-produtturi tal-Komunità li jirrapresentaw iktar minn 95 % tal-produzzjoni tal-Komunità tal-*fluorspar*.
- (4) It-talba saret għar-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tirriżulta fil-kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' *dumping* u

ħsara lill-industrija tal-Komunità. Wara li ġie determinat, wara konsultazzjoni mal-kumitat ta' Konsulenza, li hemm provi biżżejjed biex tinbeda reviżjoni skond l-artikolu 11(2) tar-Regolament Bażiku, il-Kummissjoni bdiet reviżjoni ⁽⁴⁾.

- (5) Fl-istess waqt, l-Kummissjoni ddeċidiet li tibda reviżjoni, fuq inizjattiva proprja, skond l-artikolu 11(3) tar-Regolament Bażiku, limitata fl-iskop għall-forma tad-dazju. Din id-deċiżjoni ttieħdet għar-raġuni li l-effikaċja tal-miżuri biex titneħħa l-ħsara kienet imminata meta wieħed jara t-tnaqis kontinwu tas-sehem tas-suq miżmum mill-industrija tal-Komunità minħabba l-imposizzjoni tal-miżuri, u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ta' *fluorspar* Ċiniż kien jidher li baqa' taħt il-livell tal-prezz minimu.

3. Investigazzjoni

- (6) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-produtturi applikanti tal-Komunità, lill-esportaturi u lill-produtturi fil-pajjiżi esportaturi, lill-importaturi kif ukoll lill-assoċazzjonijiet rappreżentanti tagħhom li huma magħrufa li huma mħassba, u lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur bil-bidu tar-reviżjoni. Il-Kummissjoni baġtet kwestjonarji lil dawn il-partijiet kollha u lil daww li għamlu lilhom infushom magħrufin fiż-żmien mogħti fl-avviż tal-bidu. Barra min hekk, produttur mill-Afrika ta' Isfel, li intgħażel bħala pajjiż analogu, ġie avżat u rċieva kwestjonarju. Il-Kummissjoni tat ukoll lill-partijiet ikkonċernati direttament, iċ-ċans li jagħtu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta.
- (7) Il-produtturi applikanti tal-Komunità kollha irrispondew il-kwestjonarju. Disa' esportaturi/kummerċjanti Ċiniżi, il-koll membri tal-Kamra tal-Kummerċ Ċiniża ta' l-Importaturi u Esportaturi tal-metall, minerali u kimiċi ("CCCMC"), irrispondew il-kwestjonarju tal-esportaturi/kummerċjanti. Barra minn hekk, Cometals, New York, L-Istati Uniti tal-Amerika, kummerċjant indipendenti tal-*fluorspar* Ċiniż, u CMC Trading AG, Zug, L-Isvizzera, imlew il-kwestjonarju ta' l-esportaturi/kummerċjanti.
- (8) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li deħrilha neċessarja sabiex tiddetermina ċ-ċans ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' *dumping* u ħsara lill-interessi tal-Komunità. Żjarat ta' verifika twettqu fil-bini tal-kumpanniji li ġejjin:

⁽¹⁾ ĠU L 56, 06.03.96, p.1. Regolament kif emendat b'Regolament (KE) Nru 905/98 (ĠU L 128, tat-30.4.1998, p. 18).

⁽²⁾ ĠU L 62, 05.03.94, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 276, 04.09.98, p. 2.

⁽⁴⁾ ĠU C 62, ta' l-4.3.1999, p. 3, kif emendat b' ĠU C 120, ta' l-1.5.1999, p. 23.

- (a) Il-produtturi applikanti tal-Komunità
- Minersa, Bilbao, Spanja;
 - Nuova Mineraria Silius, Cagliari, l-Italja;
 - Sachtleben Bergbau, Lennestadt, il-Ġermanja;
 - Sogerem, Albi, Franza.
- (b) utenti fil-Komunità:
- Ausimont SpA, Milan, l-Italja;
 - Bayer, Leverkusen, il-Ġermanja;
 - Fluorsid, Assemini, l-Italja;
 - ICI Kimiċi, Runcorn, ir-Renju Unit

- (9) L-investigazzjoni tal-kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' *dumping* tkopri l-perjodu mill-1 ta' Marzu 1998 sat-28 ta' Frar 1999, b'mod partikolari x-xhur ta' Marzu u Settembru 1998 u Frar 1999, ("IP"). L-eżami tal-kontinwazzjoni jew rikorrenza tal-ħsara tkopri l-perjodu mill-1 ta' Janar 1993 sat-28 ta' Frar 1999 (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-perjodu eżaminat").

B. PRODOTTI TAĦT KONSIDERAZZJONI U PRODOTTI SIMILI

1. Prodotti taħt konsiderazzjoni

- (10) Il-Prodott taħt konsiderazzjoni huwa *fluorspar* ta' grad kemm ta' aċidu u ta' ċeramika ippreżentat bħala kejk iffiltrat jew fil-forma ta' trab b'kontenut ta' 97 % jew inqas ta' fluworidu tal-kalċju (CaF₂) li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2529 21 00 (kodiċi TARIC 2529 21 00 10), kif ukoll b'kontenut ta' iżjed minn 97 % ta' fluworidu tal-kalċju (CaF₂) li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2529 22 00 (kodiċi TARIC 2529 22 00 10) ("*fluorspar*"). Biex jiġi prodott il-*fluorspar*, il-metall irid jiġi mħaffer mill-minjiera, mfarrak u ggalleggjat. Ir-riżultat huwa *fluorspar* b'kontenut ta' fluworidu tal-kalċju varju. Kejk iffiltrat *Fluorspar* huwa essenzjalment użat bħala l-ingredjent fil-fabbrikazzjoni tal-aċidu idrofloriku. Dan il-prodott huwa użat l-iżjed fil-produzzjoni ta' *fluorocarbons*, il-prodotti aċidi bażiċi għall-ajrusols, refriġeranti u *foam* tal-plastik; il-produzzjoni tal-fluworidu ta' l-aluminju użat fis-settur ta' l-aluminju u fil-produzzjoni of fluworin kimiċi bħas-solventi. Peress li t-tipi kollha ta' *fluorspar* għandhom karatteristiċi fiżiċi u kimiċi simili u użi identiċi, bħal fl-investigazzjoni li qed twassal għall-miżuri li qed jiġu riveduti, huma kkonsidrati bħala prodott uniku.

2. Prodotti Simili

- (11) Kif stabbilit fl-investigazzjoni ta' qabel u kkonfermat fl-investigazzjoni ta' issa, *fluorspar* esportat fil-Komunità

mill-RPĊ, *fluorspar* fabbrikat u mibjugħ mill-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità u *fluorspar* prodott u mibjugħ fis-suq domestiku fil-pajjiż analogu, huma identiċi jew huma simili ħafna fil-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u fl-użu tagħhom.

Din il-konklużjoni intlaħqet wara li ttehed akkont tal-fatt li *fluorspar* huwa mħaffer fil-mini u pproċesat b'modi simili, għalkemm jeżistu differenzi kif dan jiġi estratt, fil-kontenut CaF₂ tad-depożitu u fil-metodu ta' produzzjoni li jistgħu jvarjaw minn produttur għall-produttur fid-dinja kollha kif ukoll fil-Komunità. Dan hu kkonfermat mill-fatt li kemm l-esportaturi tal-Komunità kif ukoll dawk Ċiniżi għandhom numru ta' klijenti komuni.

- (12) Minħabba dak li ntqal iżjed il-quddiem, il-*fluorspar* esportat lejn il-Komunità, dak mibjugħ fis-suq domestiku fl-Afrika t-Isofel u dak prodott u mibjugħ fis-suq tal-Komunità għandhom jiġu kkonsidrati bħala prodott simili fis-sens ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

Ċ. ĊANS LI JITKOMPLA D-DUMPING

- (13) Minkejja l-imposizzjoni ta' miżuri kontra d-*dumping*, il-volum ta' importazzjoni ta' *fluorspar* mir-RPĊ kiber sew matul il-perjodu tal-infurzar tal-miżuri li bdew minn 62 935 tonnollata metrika fl-1995 sa 155 200 tonnollata metrika fis-sena 1998, li tkopri il-parti prinċipali tal-IP kif definit fil-premessa 9. Għe eżaminat jekk id-*dumping* tkomplexx jew x'aktarx jitkompla matul l-IP.

1. Valur normali

(a) Pajjiż analogu

- (14) Valur normali għall-importazzjoni mir-RPĊ kien ibbażat, skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, minn data tal-ekonomija tas-suq ta' pajjiżi terzi. L-Afrika ta' Isfel kienet magħżula fl-investigazzjoni oriġinali bħala l-ekonomija tas-suq ta' pajjiż terz xieraq. Għalhekk kien maħsub, fl-avviż tal-bidu ta' din ir-reviżjoni, biex jinżamm dan il-pajjiż biex jiġi determinat il-valur normali. Esportatur/kummerċjant koperattiv wieħed u utenti varji tal-Komunità tal-*fluorspar* sostnew li l-Afrika ta' Isfel ma kienx approprijat għar-raġuni li l-aċċess għall-materja prima fl-Afrika ta' Isfel huwa iktar diffiċli milli fir-RPĊ. B'mod partikolari, għe sostnut li l-minjieri tal-*fluorspar* ta' l-Afrika ta' Isfel ma jgawdux l-istess vantaġġ naturali bħal dawk tar-RPĊ, u bħala riżultat l-ispejjeż ta' l-estrazzjoni u l-ipproċessar huma iktar għoljin fil-minjieri ta' l-Afrika ta' Isfel milli fil-minjieri Ċiniżi; madankollu, dawn il-partijiet ma sostnewx li ċ-ċirkostanzi eżistenti waqt l-investigazzjoni ta' qabel inbidlu. Dawn il-partijiet issuġġerew lill-Messiku u lill-Kenja bħala pajjiżi analogi alternattivi fejn, huwa pretiż, li l-kondizzjonijiet naturali jistgħu jitqabblu aħjar ma' dawk prevalenti fir-RPĊ.

- (15) Għal dan il-għan, il-Kummissjoni fittxet koperazzjoni fil-pajjiżi fejn il-*fluorspar* huwa magħruf li jiġi prodott fi kwantitajiet suffiċjenti. B'mod partikolari, talba għall-koperazzjoni kienet indirizzata lill-produttur wieħed fl-Afrika ta' Isfel, wieħed fil-Marokk, erbgħa fil-Messiku, u wieħed fil-Kenja. Il-Produttur ta' l-Afrika ta' Isfel biss ikkopera bis-sħiħ. L-ebda waħda mill-kumpaniji approċċjati ma' rrispondiet għall-kwestjonarju fiż-żmien mogħti għar-risposta. Il-Produttur tal-Kenja issottometta risposta mhux kompluta wara ż-żmien mogħti.
- (16) Peress li nkisbet il-koperazzjoni ta' rappreżentant ta' l-Afrika ta' Isfel, u peress li pajjiżi oħra kienu ikkunsidrati inqas xierqa bħala pajjiżi analogi, dan il-pajjiż inżamm bħala pajjiż analogu.
- (17) F'dan ir-rispett għandu jiġi innotat li l-produttur koperattiv ta' l-Afrika ta' Isfel kellu bejgħ domestiku rappreżentattiv (ara premessi 20), filwaqt li l-produttur msemmi hawn fuq mill-Kenja ma kellu l-ebda bejgħ domestiku.
- (18) Il-metodi ta' estrazzjoni, kwalità u proċess ta' produzzjoni tal-produttur ta' l-Afrika ta' Isfel jista' jitqies simili għal dak tal-produtturi Ċiniżi, kif stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri taħt revizzjoni. Id-differenza alleggata fl-aċċess għall-materja prima bejn l-Afrika ta' Isfel u r-RPĊ ġiet ittrattata bħal fl-investigazzjoni oriġinali meta tqabblu l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni u l-valur normali (ara premessi 26). Il-partijiet kollha ġew infurmati dwar is-selezzjoni finali ta' l-Afrika ta' Isfel bħala pajjiż analogu.

(b) *Il-valur normali ta' determinazzjoni*

- (19) Il-valur normali kien stabbilit fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija mill-produttur koperattiv ta' l-Afrika ta' Isfel. L-isem tal-kumpanija mhuwiex żvelat hawnhekk peress li l-koperazzjoni tagħha setgħet tiġi assikurata biss sakemm din tingħata garanzija stretta ta' trattament kunfidenzjali ta' l-identità tagħha mill-Kummissjoni.
- (20) Skond l-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku, l-ewwel ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat kienx rappreżentattiv meta mqabbel ma' l-importazzjoni Ċiniżi lill-Komunità. Il-bejgħ domestiku tal-produttur koperattiv ta' l-Afrika ta' Isfel instabu li jirrappreżentaw f'it inqas minn 5 % ta' l-importazzjoni tal-Komunità mill-RPĊ waqt l-IP, filwaqt li dan kien ġeneralment iktar minn 5 % waqt il-perjodu ta' miżuri ta' infurzar. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ikkunsidrat li l-bejgħ domestiku fl-Afrika ta' Isfel, kienu għall-esportazzjoni Ċiniżi lejn il-Komunità. Barra minn hekk kien stabbilit li l-bejgħ domestiku sar waqt il-kors ordinarju tan-negozju, i.e. il-prezzijiet domestiċi għamlu tajjeb biex jiġi rkuprat it-telf. Għalhekk, il-prezz tal-bejgħ fis-suq domestiku kien użat bħala bażi biex jiġi kkalkolat il-valur normali.

2. Prezz ta' l-Esportazzjoni

- (21) Skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, meta jitqies li n-numru ta' esportaturi/kummerċjanti Ċiniżi, membri tal-CCCMC, li xtaqu jikkoperaw, kien kbir, l-investigazzjoni ġiet limitata għal kampjun ta' l-operazzjonijiet ta' l-esportazzjoni magħmul minn disa' mill-esportaturi/kummerċjanti msemmija hawn fuq. L-operazzjonijiet ta' esportazzjoni tagħhom kollettivament ammontaw għall-volum rappreżentattiv ta' esportazzjoni, i.e. 70 % ta' l-importazzjoni totali fil-Komunità tal-prodotti kkonċernati mill-RPĊ fl-1998, il-perjodu li fih kien hemm data għad-disposizzjoni fiż-żmien tas-selezzjoni tal-kampjun.
- (22) Waqt li l-produtturi/kummerċjanti Ċiniżi biegħu għall-esportazzjoni lill-importaturi fil-Komunità, il-prezz ta' l-esportazzjoni ġie stabbilit, skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni li tħallsu jew li għandhom jitħallsu għall-esportazzjoni lill-Komunità.
- (23) Il-prezzijiet CIF ta' fuq il-fruntiera tal-Komunità kienu ibbażati fuq il-prezzijiet dikjarati mill-esportatur/kummerċjant koperattiv Cometals ta' l-Istati Uniti tal-Amerika u l-prezzijiet kalkulati li rriżultaw mid-data mogħtija mill-esportatur/kummerċjant koperattiv Ċiniż. Peress li l-esportaturi/kummerċjanti Ċiniżi biegħu lill-Komunità fuq il-bażi ta' FOB ex-RPĊ, il-valuri CIF kienu determinati billi ma' daww il-prezzijiet ġie miżjud ammont raġjonevoli għall-passaġġ bil-baħar u assigurazzjoni kif stabbilit fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija minn utenti koperattivi tal-Komunità.

3. Taqbil

- (24) Bil-ħsieb li jiġi żgurat taqbil imparzjali bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni, ittiegħed akkont ta' differenzi fil-fatturi, li ntwerew li jaffettwaw il-prezzijiet u t-taqbil fil-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.
- (25) Saru arranġamenti għad-differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi, trasport, assigurazzjoni, ħlas tas-servizz u kreditu.
- (26) Żewġ arranġamenti, dwar il-karatteristiċi fiżiċi, jixirqilhom attenzjoni speċjali:
- Esportazzjoni Ċiniżi ta' *fluorspar* lis-suq tal-Komunità isiru fi forma mxarrba, filwaqt li bejgħ domestiku li jsir mill-produttur koperattiv ta' l-Afrika ta' Isfel fis-suq ta' l-Afrika ta' Isfel isiru fi forma xotta. Bħal fl-investigazzjoni ta' qabel, sar arranġament lill-valur normali li ġie bbażat fuq stima raġjonevoli tad-differenza tal-valur tas-suq bejn il-*fluorspar* muri fil-forma niexfa u mxarrba, i.e. l-ispejjeż tat-tnixxif u ammont raġjonevoli għall-SG u A u l-qliegħ.

— L-investigazzjoni li wasslet għall-imposizzjoni ta' miżuri taħt reviżjoni jstabbilixxu li r-RPĊ tgawdi vantaġġi naturali fuq l-Afrika ta' Isfel minħabba aċċess iktar faċli għall materja prima, li, minn naħa tagħha għandha impatt fuq il-purita tal-prodott, u f'dan ir-rigward ċertu spejjeż jintefqu fl-Afrika ta' Isfel u mhux fir-RPĊ. Għalhekk, biex tagħmel tajjeb għal din id-differenza li taf-fetwa t-taqbil tal-prezzijiet, ingħata aġġustament lill-valuri normali adjustment fil-qafas tal-investigazzjoni oriġinali. Peress li dan il-vantaġġ naturali baqa' jeżisti, ġie deċiż għall-iskop tar-reviżjoni presenti li jiġi applikat l-istess aġġustament lill-valur normali bħal fl-investigazzjoni oriġinali.

(27) L-esportaturi/kummerċjanti koperattivi Ċiniżi ippretendew aġġustament għad-differenzi fil-livelli ta' kummerċ fuq il-bażi li l-produttur koperattiv ta' l-Afrika ta' Isfel ibiegħu lill-utenti u l-esportaturi/kummerċjanti Ċiniżi ibiegħu lill-importaturi/kummerċjanti. Wara analiżi ulterjuri tal-materja, ġie konkluż li kien hemm differenza fil-livelli ta' kummerċ li kien jixxirgħa aġġustament. Peress li l-produttur koperattiv ta' l-Afrika ta' Isfel ma jbiegħx liż-żewġ livelli ta' kummerċ li qed jiġu kkonsidrati, l-aġġustament kien stmat, skond l-artikolu 2(10)(d)(ii), bħala 10 % tal-margġinu gross skond il-prattika stabbilita tal-Istituzzjonijiet tal-Komunità.

4. Margġinu tad-dumping

(28) Il-prezz peżat medju ta' l-esportazzjoni mqabbel mal-prezz peżat medju normali xorta baqa' juri l-eżistenza ta' dumping matul l-IP, il-margġinu tad-dumping jibqa' l-istess għall-ammont li bih il-valur normali qabeż il-prezz ta' l-esportazzjoni (muri bħala perċentwali tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni cif fuq il-fruntiera tal-Komunità, bidwana mhux imħallsa). Madankollu, il-margġinu tad-dumping instab li huwa inqas minn dak stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-livell mnaqqas ta' dumping huwa fl-essenza dovut għall-żieda fil-prezzijiet ta' l-esportazzjoni li tirrefletti is-sistema tal-liċenzi ta' l-esportazzjoni Ċiniża u l-forma tad-dwana ta' kontra d-dumping (i.e. id-divarju tad-dwana).

5. Konklużjonijiet dwar iċ-ċans ta' kontinwazzjoni tad-dumping

(29) Peress li nstab li jeżisti dumping waqt l-IP, ma hemm l-ebda raġuni sabiex jitwemmen li mhux ser jibqa' jsir dumping jekk jiġu mħassra il-miżuri ta' kontra d-dumping applikabbli bħalissa.

D. Ċ-ĊANS LI D-DUMPING JIRREPETI RUĦU

1. Rimarki preliminari

(30) Wara li ġie stabbilit il-kontinwazzjoni tad-dumping waqt l-IP, ġie eżaminat iċ-ċans li d-dumping jirrepeti ruħu, jekk

jitnehew il-miżuri in-kwistjoni. Għall-dak l-iskop ġew eżaminati il-fatturi li ġejjin: l-evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni Ċiniżi mill-1993 sal-IP, l-impatt tas-sistema tal-liċenzi ta' l-esportazzjoni mdaħħla mill-awtoritajiet Ċiniżi fl-1994 u s-sitwazzjoni fir-RPĊ għal dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni tal-*fluorspar*, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-ħażniet.

2. Evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni Ċiniżi lill-Komunità

(31) Parallel ma' l-imposizzjoni ta' miżuri kontra d-dumping, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni tal-*fluorspar* Ċiniż bdew jiżiedu progressivament u medjament u fuq bażi ta' cif tal-fruntiera tal-Komunità, jqarrbu il-prezz minimu ta' ECU 113,5 għall-kull tunnellata metrika xotta. B'mod partikolari il-prezzijiet telgħu minn ECU 86 fl-1993 għal ECU 111 għall-kull tunnellata metrika xotta fl-1998. Dan jidher li jindika li l-prezzijiet minimi serew bħala inċentiv biex jogħlew il-prezzijiet. Għalhekk, x'aktarx li t-tneħħija tal-miżuri treġġa lura s-sitwazzjoni u ġġib tnaqqis fil-prezzijiet ta' l-esportazzjoni.

3. L-impatt tas-sistema tal-liċenzi ta' l-esportazzjoni Ċiniża

(32) Il-Gvern Ċiniż fl-1994 introduċa sistema regolatorja ta' kwota ta' esportazzjoni ta' kull sena mgħaqda flimkien ma' piż ta' liċenza ta' l-esportazzjoni li tkopri numru ta' minerali inkluż il-*fluorspar*. Għandu jiġi osservat li l-introduzzjoni ta' sistema ta' liċenza għall-esportazzjoni ħabtet fl-istess ħin ma' l-imposizzjoni ta' dazji fuq il-*fluorspar*, u l-eżistenza ta' dazji kontra d-dumping fuq minerali oħra. L-oġġettiv dikjarat kien li jiġi stabilizzat il-volumi ta' *fluorspar* u minerali oħra esportati, kif ukoll biex il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ma jitħallewx jaqgħu bil-presjoni tal-kompetizzjoni interna. Fil-fatt dan irriżulta f'żieda fil-prezzijiet ta' l-esportazzjoni Ċiniża lill-Komunità. Il-kwota ġiet imneħħija fl-1998, u reġġet iddaħlet fl-1999, filwaqt li l-piż tal-liċenza ta' l-esportazzjoni baqgħet fis-seħħ mill-introduzzjoni tagħha. Liċenzi ta' l-esportazzjoni huma irkantati u mogħtija lil min joffri l-iżjed jew lill-dawk li joffru iżjed mill-prezz medju.

(33) Is-sistema ta' liċenza għall-esportazzjoni ġiet modifikata sostanzjalment diversi drabi mill-introduzzjoni tagħha, inkluż trażżin temporanju fis-sistema tal-kwoti fl-1998. Għalhekk, jekk il-kondizzjonijiet prevalenti fis-suq internazzjonali jvarjaw, jew jekk ikun jidher li l-iskema mhux qed tilħaq l-għanijiet tagħha, l-amministrazzjoni Ċiniża tista' tiddeċiedi biex tirrorġa is-sistema jew tneħħiha għall-kollox mingħajr ma' tgħati avviż. Dan għandu mnejn iwassal għall-tnaqqis fil-prezzijiet ta' l-esportazzjoni, speċjalment jekk il-miżuri kontra d-dumping fis-seħħ bħalissa jiġu mħassra.

(34) Fi kwalsijasi każ, in vista tal-fatt li s-sistema murija hawn fuq titħaddem awtonomament mill-awtoritajiet tal-pajjiż li qed jesportazzjoni, din m'għandhiex tinfluwenza d-deċiżjoni tal-istituzzjonijiet tal-Komunità kemm jekk iġeddu il-miżuri kontra d-dumping jew le fil-qafas ta' investigazzjoni li twettqet skond skond l-artikolu 11(2) u 11(3) tar-Regolament bażiku.

4. Produzzjoni Ċiniża, kobar tal-produzzjoni, u ħażniet

(35) L-ebda koperazzjoni ma nkisbet mill-produttur Ċiniż tal-*fluorspar*. L-awtoritajiet Ċiniżi u il-CCCMC ġew infurmati illi, fl-assenza ta' koperazzjoni sħiħa, ir-risposti li ngħataw mill-partijiet numerużi Ċiniżi kkonċernati bir-reviżjoni ikunu kkunsidrati bħala defiċjenti. L-ebda informazzjoni ma' ġiet mogħtija fil-perjodu speċifikat. Wara dan il-Kummissjoni, skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, kellha tibbaża ir-riċerki dwar il-produzzjoni, kobar tal-produzzjoni u ħażniet ta' *fluorspar* Ċiniż fuq il-bażi tal-fatti għad-disposizzjoni. L-informazzjoni użat fergħat mir-riċerki dwar is-suq fis-settur, informazzjoni mogħtija minn kummerċjant dinji ewlieni tal-prodott ikkonċernat kif ukoll minn informazzjoni publika għad-disposizzjoni minn awtoritajiet oħra ta' kontra d-dumping.

(36) Dwar dan, żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża u żieda fil-ħażniet instabu waqt investigazzjoni li jistgħu jwasslu għal riskju ta' żieda fl-esportazzjoni Ċiniżi li ġġib dipressjoni fil-prezzijiet madwar id-dinja. Fil-fatt, il-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża ta' grad ta' aċidu ta' *fluorspar* żdiedet minn 26 % bejn l-1993 u l-1998. Iż-żieda fil-kapaċità wasslet għal-tnaqqis fl-użu tal-kapaċità li kienet stmata 59 % fl-1998 għall-grad ta' aċidu *fluorspar*. Instab li kienu twaqqfu ammonti kbar ta' ħażniet Ċiniżi. Din ħolqot sitwazzjoni li hi partikolarment volatili meta wieħed jikkunsidra li l-produzzjoni Ċiniża ta' grad ta' aċidu ta' *fluorspar* tirrappreżenta madwar 52 % tal-produzzjoni dinjija u l-esportazzjoni Ċiniża tirrappreżenta madwar 38 % tal-produzzjoni dinjija.

5. Konklużjoni dwar iċ-ċans li d-dumping jirrepeti ruħhu

(37) Jittieħed akkont li:

- esportazzjoni tal-*fluorspar* lil-Komunità li joriġina fir-RPĊ instabu li qed isiru bi prezzijiet iktar baxxi mil-prezz waqt l-IP,
- l-evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni cif Ċiniżi tiddependi l-iżjed fuq l-eżistenza tal-misuri kontra d-dumping taħt revizzjoni u fuq sistema ta' liċenza ta' l-esportazzjoni mdaħħla u li titmexxa b'mod awtonomu mill-gvern tar-RPĊ,

- Minħabba n-natura possibilmnt temporanja tas-sistema tal-liċenzi ta' l-esportazzjoni, din is-sistema ma tistax tkun ikkunsidrata bħala garanzija li ser jinżammu l-prezzijiet kurrenti ta' l-esportazzjoni,
- Il-produtturi Ċiniżi tal-*fluorspar* żiedu bil-kbir il-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom, bnew ħażniet enormi u bħalissa għandhom użu tal-kapaċità żgħir ħafna,

huwa konkluż li hemm iċ-ċans li d-dumping ikompli fi kwantitajiet kbar ħafna, jekk il-miżuri fis-seħħ jitneħħew.

E. L-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ

(38) L-investigazzjoni wriet li l-produtturi koperattivi tal-Komunità jirrapreżentaw iktar minn 95 % tal-produzzjoni totali fil-Komunità tal-prodott ikkonċernat waqt l-IP. Għalhekk, dawn il-produtturi jikkostitwixxu l-industrija tal-Komunità fis-sens ta' L-Artikolu 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku. Hawnekk iżjed 'il quddiem huma għandhom jis-sejħu bħala l-industrija tal-Komunità.

F. ANALIŻI TAS-SITWAZZJONI FIS-SUQ TAL-FLUORSPAR TAL-KOMUNITÀ

1. Konsum fis-suq tal-Komunità

(39) Il-konsum apparenti ġie ibbażat fuq il-volum ta' bejgħ lill-partijiet terzi fis-suq tal-Komunità mill-industrija tal-Komunità, flimkien ma' l-informazzjoni fuq il-volum ta' l-importazzjoni kollha mir-RPĊ msemmija fil-kwestjonarju tal-esportaturi/Kummerċjanti, u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra msemmija mill-Eurostat kif ukoll fuq data Uffiċji ta' l-Istatistika Uffiċjal ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja għall-data fuq importazzjoni ta' qabel l-1995.

(40) Il-bejgħ ta' produtturi tal-Komunità lill-partijiet relatati li jittrasformaw il-*fluorspar* internament ġew ikkunsidrati li twettqu f'suq magħluq u għalhekk ġew esklużi mill-istima tal-konsum tal-Komunità u, iktar minn hekk, mis-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità. Din il-konklużjoni intlaħqet minħabba l-fatt li l-*fluorspar* maħsub għas-suq maqbud ma kienx f'kompetizzjoni mal-*fluorspar* għad-disposizzjoni fil-Komunità u peress li l-bejgħ ta' dak il-prodott lill-partijiet relatati sar bi prezzijiet ta' trasferiment.

(41) L-applikant sostna li xi importazzjoni li oriġinaw fiż-Żambja u fl-Afrika ta' Isfel għandhom jiġu esklużi mill-kalkolazzjoni tal-konsum peress li dawn l-importazzjoni saru lill-utenti fil-Komunità relatati ma' l-esportaturi ikkonċernati u għalhekk saru f'suq maqbud.

- (42) Instab li ż-żewġ pajjiżi esportazzjoni il-prodott ikkonċernat kemm lill-kumpanniji relatati u mhux. Barra min hekk, il-partijiet relatati fil-Komunità xtraw il-prodott ikkonċernat min egħjun mhux relatati. Peress li ma setgħet tiġi stabilita l-ebda separazzjoni ċara bejn dawn iż-żewġ tipi ta' bejgħ, ġie għalhekk konkluż li l-importazzjoni għandhom jiġu inklużi fil-kalkolazzjoni tal-konsum tal-Komunità.
- (43) Fuq din il-bażi il-konsum fis-suq tal-Komunità kiber minn madwar 28 4 300 tunnellata metrika fl-1993, għall-39 2 700 tunnellata metrika fl-1994, għall-40 0 900 tunnellata metrika fl-1995, għall-47 0 700 tunnellata metrika fl-1996, għall-49 1 800 tunnellata metrika fl-1997 u għall-49 6 200 tunnellata metrika fl-1998. Il-konsum tal-*fluorspar* fil-Komunità żdied b'75 % fuq il-perjodu ikkunsidrat, speċjalment bejn l-1993 u l-1994 (+ 38 %) u bejn l-1995 u l-1996 (+ 17 %). Din iż-żieda fil-konsum hija marbuta ma' l-sviluppi fid-domanda għall-aluminju u d-domanda dejjem tikber ta' fluworikarboni (imkessħin) kif ukoll tal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom tal-*fluorspar*. Din iż-żieda hija attribwita wkoll għall-iżvilupp ta' użi ġodda għall-*fluorspar*.

2. Importazzjoni mill-pajjiżi ikkonċernati

(a) *Il-volum ta' l-importazzjoni, sehem ta' l-importazzjoni u s-sehem tas-suq ta' l-importazzjoni kkonċernati*

- (44) Il-volum ta' importazzjoni ta' *fluorspar* li joriġina fir-RPĊ żdied b'mod sinjifikanti minn madwar 60 400 tunnellata metrika fl-1993, għal 62 900 tunnellata metrika fl-1994, għal 68 500 tunnellata metrika fl-1995, għal 109 300 tunnellata metrika fl-1996, għal 128 800 tunnellata metrika fl-1997 u għal 155 200 tunnellata metrika fl-1998. Importazzjoni Ċiniżi ta' *fluorspar* fil-Komunità kompli jżdied matul il-perjodu kkonksidrat, b'madwar 157 %, tkabbir bi pass iżjed mgħaġġel mill-konsum fil-Komunità.
- (45) Is-sehem ta' l-importazzjoni mir-RPĊ ta' l-importazzjoni totali ta' *fluorspar* fil-Komunità varjat bejn 26,7 % u 50,6 %. L-ikbar sehem ta' importazzjoni intlaħaq fl-IP.
- (46) Is-sehem tas-suq tal-Komunità miżmum mill-importazzjoni mir-RPĊ żviluppa minn 21,3 % fl-1993, għal 16 % fl-1994, għal 17,1 % fl-1995, għal 23,2 % fl-1996, għal 26,2 % fl-1997 u għal 31,3 % fl-1998. Dan hu daqs żieda komplessiva ta 10 punti matul il-perjodu eżaminat. It-tnaqqis fis-sehem tas-suq fl-1994 u l-1995 jista' jiġi spjegat kemm bl-introduzzjoni tal-miżuri kontra d-*dumping* f'Marzu ta' l-1994 u bl-introduzzjoni tas-sistema ta' liċenzi għall-importazzjoni Ċiniża f'April ta' l-1994.

(b) *Evoluzzjoni tal-prezzijiet u l-imġieba ta' l-importazzjoni kkonċernati.*

(i) *Evoluzzjoni tal-prezzijiet*

- (47) Skond ir-risposti fil-kwestjonarju ta' l-esportaturi/Kummerċjanti, instab li l-prezzijiet tal-*fluorspar* Ċiniżi żdiedu bi 29 % bejn 1993 u l-IP biex jilhq

livell fuq bażi ta' cif tal-fruntiera tal-Komunità ta' ftit inqas mill-prezz minimu ta' 113,5 euro/tunnellata metrika. B'mod partikolari, bejn l-1993 u l-1997, il-prezzijiet tal-*fluorspar* Ċiniżi komplew jidiedu minn 86,06 ECU/tunnellata metrika għal 114,58 ECU/tunnellata metrika. It-tnaqqis fil-prezzijiet Ċiniżi bejn l-1997 u l-1998 ħabtu ma' l-eliminazzjoni tal-kwota fuq l-esportazzjoni Ċiniża li waslet għall-tnaqqis ġenerali fil-prezzijiet ta' l-esportazzjoni Ċiniżi fis-swieq ta' l-esportazzjoni kollha.

(ii) *Mġieba tal-prezzijiet*

- (48) Biex tiġi eżaminata l-imġieba tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni Ċiniżi matul l-IP, ġew imqabbla l-prezzijiet fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-bejgħ medju ta' l-industrija tal-Komunità u l-prezz tal-bejgħ medju ta' l-esportaturi/Kummerċjanti koperattivi Ċiniżi u Kummerċjanti barra l-KE lill-importaturi mhux relatati fil-Komunità aġġustati għall-istess livell ta' kummerċ.
- (49) Il-prezzijiet Ċiniżi matul dan il-perjodu kienu inqas b'margġinu ta' madwar 12 % minn dawk ta' l-Industrija tal-Komunità. Għandu jiġi innotat li l-margġinu ta' tniżżel taħt il-prezz fl-investigazzjoni preċedenti kienet tammonta għall-41 %.

3. Sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità

(a) *Prodotti*

- (50) Il-produzzjoni ta' l-Industrija tal-Komunità żdiedet b'32 % matul il-perjodu eżaminat minn madwar 276 000 tunnellata metrika in 1993 għal madwar 363 800 tunnellata metrika fl-1998. Quċċata ta' madwar 372 300 tunnellata metrika intlaħqet fl-1995.

(b) *Kapaċità tal-produzzjoni*

- (51) Il-kapaċità tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità ġiet ikkalkulata fuq il-bażi tal-kapaċità li tiggalleġġja, li tirrappreżenta l-iktar parti diffiċli fil-produzzjoni tal-*fluorspar*. Din marret minn 518 000 tunnellata metrika fl-1993 għal 502 000 fl-1998, li tirrappreżenta nuqqas ta' 3 % matul il-perjodu eżaminat.

(ċ) *Użu tal-kapaċità*

- (52) L-użu tal-kapaċità ta' l-industrija tal-Komunità żdiedet minn 53 % fl-1993 għal 60 % fl-1994, għal 72 % fl-1995, għal-68 % fl-1996 u 1997, u għal 72 % fl-1998. Il-livelli baxxi fl-1993 u fl-1994 jistgħu jiġu spjegati bl-effetti ta' l-importazzjoni ta' importazzjoni oġġett ta' *dumping* fl-investigazzjoni preċedenti. Kien biss wara l-1994 li l-miżuri kontra d-*dumping* beda jkollhom effett u jħallu l-industrija tal-Komunità taħdem f'livelli ta' utilizzazzjoni ta' kapaċità ikbar.

(d) *Volum tal-bejgħ*

- (53) Il-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità fil-Komunità żdied minn 12 0 000 tonnellata metrika in 1993 għal madwar 18 9 000 tonnellata metrika fl-1998. Iż-żieda fil-bejgħ kienet b'mod partikolari ta' min jinnutaha fl-1995, meta l-industrija tal-Komunità żiedet il-bejgħ tagħha għal 19 1 600 tonnellata metrika billi naqqsu l-prezzijiet. Dan sar sabiex jinżamm is-sehem tas-suq tal-Komunità.

(e) *S-sehem tas-suq*

- (54) Is-sehem ta' l-industrija tal-Komunità tas-suq tal-Komunità naqas minn 42,1 % fl-1993 għal 38,1 % fl-1998, bil-quċċata tintlaħaq fl-1995. Is-sehem tas-suq 47,8 % milħuq fl-1995 jikkorrispondi għal tnaqqis ġenerali fl-importazzjoni fil-Komunità dik is-sena u dan bħala riżultat tal-prezzijiet baxxi maħruġa mill-industrija tal-Komunità b'detriment tal-qlieġ tagħha. Wara l-1995, s-sehem tas-suq niżel b'mod regolari, u waqa' b'4 punti perċentwali meta mqabbel ma' l-1993.

(f) *Żvilupp tal-prezzijiet*

- (55) Il-prezz medju għal bejgħ tal-*fluorspar* ta' l-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità naqas bejn l-1993 u l-1995 u żdied globalment bejn l-1995 u l-1998 b'quċċata fl-1997. Il-livell ta' prezz baxx fl-1995 jikkorrispondi ma' l-istrateġija ta' l-industrija tal-Komunità msemmija hawn fuq biex jipprova jinżamm sehem mis-suq billi jitnaqqas il-livell tal-prezz tagħha. Bejn l-1995 u l-1997, il-livell tal-prezz ta' l-industrija tal-Komunità ħabat ma żieda regolari tal-prezzijiet Ċiniżi kif ukoll domanda ikbar għal *fluorspar*. Bejn l-1997 u l-1998, il-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità naqsu bi ftit, u dan ħabat ma tnaqqis fil-prezzijiet ta' l-importazzjoni Ċiniżi.

(g) *Qliegħ*

- (56) Il-qlieġ ta' l-industrija tal-Komunità espressa f'perċentwali tal-bejgħ nett tela' minn -11,8 % fl-1993 għal 0,9 % fl-1998.

(h) *Impjiegi*

- (57) L-impjiegi fl-industrija tal-Komunità telgħet minn 696 impjegati fl-1993 għal 689 impjegati fl-1998.

(i) *Ħażniet*

- (58) Il-ħażniet tal-produtturi tal-Komunità niżlu regolari minn madwar 50 000 tonnellata metrika fl-1993 għal 28 400 tonnellata metrika fl-1998 li hu ekwivalenti għal tnaqqis ta' 43 %. Il-ħażniet jirrapreżentaw 18 % tal-prodotti fl-1993 u 8 % fl-1998.

(j) *Investimenti*

- (59) L-investimenti totali ta' l-industrija tal-Komunità fuq il-*fluorspar* żdiedet minn madwar 2,2 Miljun ECU fl-1993 għal 9,4 Miljun ECU fl-1998.

(k) *Għeluq*

- (60) Wara l-imposizzjoni tal-miżuri kontra d-*dumping* fl-1994, is-sitwazzjoni ta' l-Industrija tal-Komunità irrangāt b'mod ġenerali. Saru sforzi kontinwi biex jiġi razzjonalizzat l-proċess ta' produzzjoni u investimenti ġodda. Madankollu, għalkemm is-sitwazzjoni irrangāt globalment, il-perjodu li fih il-miżuri kienu fis-seħħ ma ħallewx l-industrija tal-Komunità tirkupra kompletament mill-effetti imogħddija ta' l-importazzjoni oġġetti ta' *dumping*, speċjalment fejn għandu x'jaqsam il-qlieġ. Tabilħaqq, il-qlieġ ta' l-industrija tal-Komunità baqa' fin-negattiv bejn l-1993 u l-1997. Minn 1997 il-qlieġ ta' l-industrija tal-Komunità titjeb, u dan ħabat ma' titjib ġenerali fil-prezzijiet tal-bejgħ fil-Komunità u fil-produttività. Madankollu, l-industrija tal-Komunità hija biss ftit il-fuq milli jiġi pariġġ u r-riżultati finanzjarji jibqgħu biċ-ċar taħt dak li din it-tip ta' industrija tista' tilħaq taħt kondizzjonijiet normali tas-suq.

- (61) Għalhekk huwa konkluż li għalkemm is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità marret għall-aħjar wara l-imposizzjoni tal-miżuri kontra d-*dumping*, għadha ma rkupratx kompletament u tkompli tkun f'sitwazzjoni prekarja.

4. **Impatt ta' l-importazzjoni kkonċernati**

- (62) L-investigazzjoni uriet li, minkejja l-imposizzjoni ta' miżuri kontra d-*dumping* f'Marzu 1994, esportazzjoni Ċiniżi lis-suq tal-Komunità komplew jiżdiedu. Tabilħaqq, l-importazzjoni tal-*fluorspar* mir-RPĊ żdiedu b'157 % bejn l-1993 u l-1998 u s-sehem tagħhom mis-suq tal-Komunità żdied minn 21,3 % għal 31,3 %. Matul l-istess perjodu, il-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità żdied b'58 % iżda tilfet parti mis-suq minħabba l-benefiċċji ta' l-importazzjoni Ċiniżi. Is-sehem tagħhom mis-suq tal-Komunità naqset minn 42,1 % għal 38,1 %.

- (63) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-prezzijiet, il-prezzijiet ta' l-importazzjoni Ċiniżi żdiedu minn 29 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan l-iżvilupp fil-prezzijiet għandu jidher fid-dawl ta' l-introduzzjoni tal-miżuri kontra d-*dumping* f'Marzu 1994 u s-sistema ta' liċenzi ta' l-esportazzjoni Ċiniża mdaħħla fl-1994 li ikkontribwiet għaż-żieda fil-prezzijiet Ċiniżi madwar id-dinja. Iż-żieda fil-prezzijiet hija iktar sinjifikanti mill-1996, u din taħbat ma' irranġar fil-prezzijiet tal-bejgħ u tnaqqis tat-telf ta' l-industrija tal-Komunità.

(64) F'Lulju 1998, il-Ministeru tal-Kummerċ Esteru u Koperazzjoni Ekonomika (MOFTEC) elimina l-kwota fuq l-esportazzjoni u żamm biss il-piż tal-liċenza. Fl-istess waqt, il-prezzijiet Ċiniżi roħsu, b'mod partikolari fit-tieni nofs tal-1998 u l-1999, biex jintewera l-potenzal għaltnaqqs fil-prezzijiet tal-*fluorspar* Ċiniż fl-assenza ta' miżuri kontra d-*dumping*.

5. Il-volumi ta' l-importazzjoni u l-prezzijiet ta' l-importazzjoni ta' pajjiżi terzi oħra

(65) Il-volum ta' importazzjoni ta' *fluorspar* minn pajjiżi terzi oħra żdied b'46 % fuq il-perjodu eżaminat minn xi 10 4 100 tunnellata metrika fl-1993 għal 15 1 700 tunnellata metrika fl-1998. Madankollu, is-sehem mis-suq tal-pajjiżi msemmija hawn fuq naqset globalment bejn l-1993 u l-1998 minn 36,6 % għal 30,6 %.

(66) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-prezzijiet ta' dawn il-pajjiżi terzi, għandu jiġi nnutat li dawn żdiedu b'20 % bejn l-1993 u l-1998. Madankollu, il-prezzijiet baqgħu medjament inqas minn dawk Ċiniżi bl-eċċezzjoni tal-Marokk. Fil-każ tan-Namibja u l-Afrika ta' Isfel, il-fatt li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni medji huma inqas mill-prezzijiet Ċiniżi. Prezzijiet għandu jidher fid-dawl tal-fatti li parti mill-esportazzjoni lill-Komunità isiru lill-utenti relatati tal-Komunità, x'aktarx bi prezzijiet ta' trasferiment. *fluorspar* jidhru li jirriflettu perċentwali ikbar ta' impurità, u allura jeħtieġu prezzijiet irħas peress li ma hemmx spejjeż addizzjonali għall-utenti.

(67) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa kkunsidrat li l-importazzjoni ta' *fluorspar* minn pajjiżi terzi għandu impatt limitat fuq is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità. Barra minn hekk, dan jindika li l-esportaturi Ċiniżi irnexxihom isaħħu ħafna il-posizzjoni tagħhom fil-Komunità għad-detriment mhux biss ta' l-industrija tal-Komunità, iżda wkoll ta' pajjiżi terzi.

G. Ċ-ĊANS LI TKOMPLI L-ĦSARA

(68) Biex issir stima ta' l-effett li x'aktarx ikollhom t-tmiem tal-miżuri fis-seħħ, il-fatturi li ġejjin għandhom jiġu eżaminati: is-sitwazzjoni fl-industrija tal-*fluorspar* fir-RPĊ, l-imġieba ta' importazzjoni Ċiniżi ta' *fluorspar* f'pajjiżi terzi oħra u l-konsegwenzi li x'aktarx ikun hemm bit-tneħħija tal-miżuri kontra d-*dumping* fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità.

1. Analażi tas-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-*fluorspar* fir-RPĊ

(a) Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni, ħażniet

(69) L-applikant ikkontenda li l-produzzjoni u kapaċità ta' produzzjoni tal-*fluorspar* fir-RPĊ żdiedet ħafna fil-perjodu kkunsidrat, u laħqet livelli ħafna ikbar mill-konsum dinji ta' kull sena. Barra minn hekk ġie kontendut li jekk il-miżuri

jitneħħew, hemm il-biża ta' żieda ikbar ta' importazzjoni Ċiniżi li huma oġġett ta' *dumping*.

(70) L-esportaturi/Kummerċjanti Ċiniżi saħqu li kien ferm diffiċli li esportazzjoni ta' *fluorspar* lill-Komunità kienu se jżdiedu jekk il-miżuri kienu ser jiġu mħassra meta titqies iż-żieda fil-konsum domestiku u l-kontrolli imposti mill-awtoritajiet Ċiniżi fuq il-produzzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni.

(71) Numru ta' utenti tal-Komunità sostnew li l-livell ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' produzzjoni fir-RPĊ matul l-IP ma kienitx theddida lill-industrija tal-Komunità meta jitqies li il-konsum intern kien qed jikber, pajjiżi terzi li tradizzjonalment ma kienux jixtru mir-RPĊ, bħall-Indja, bdew jimpurtaw *fluorspar* Ċiniż u kien mistenni li l-esportazzjoni Ċiniżi kienu ser jiffukaw fuq is-suq tal-Istati Uniti ta' l-Amerika (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa l-US), meta titqies ż-żieda fit-talba f'dak is-suq.

(72) Skond l-informazzjoni għad-disposizzjoni u kif imsemmi fil-premessa 36, għandu jiġi nnutat li l-produzzjoni Ċiniża u l-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża żdiedet b'mod regolari matul il-perjodu eżaminat. Tabilħaqq, l-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża żdiedet minn 1,9 miljun tunnellata metrika fl-1993 għal 2,4 miljun tunnellata metrika fl-1998. Il-produzzjoni żdiedet minn 0,8 miljun tunnellata metrika għal 1,4 miljun tunnellata metrika matul l-istess żmien. Fl-istess waqt, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità kienet baxxa, stmata 59 % fl-1998. Il-konsum domestiku Ċiniż huwa stmat għal madwar 300 000 tunnellata metrika fis-sena. Barra minn hekk, matul l-istess perjodu, inbnew ammonti kbar ta' ħażniet Ċiniżi.

(73) B'din il-kapaċità ta' produzzjoni daqshekk kbira u t-tneħħija possibli tas-sistema ta' liċenza Ċiniża, hemm possibiltà li kwantitajiet kbar ta' *fluorspar* Ċiniż mixtri taħt il-prezz, barra mill-volum kurrenti ta' importazzjoni jistgħu jerġgħu lura fis-suq tal-Komunità fl-assenza ta' miżuri kontra d-*dumping*.

(b) Is-sistema ta' liċenza ta' l-esportazzjoni Ċiniża

(74) Kif diġa msemmi fi premessi 32, f'April 1994, l-awtoritajiet Ċiniżi daħħlu sistema ta' liċenzi fuq l-esportazzjoni li tik-konsisti fi kwota fuq l-esportazzjoni ta' kull sena flimkien ma' piż fuq il-liċenzi ta' l-esportazzjoni fuq l-esportazzjoni Ċiniżi tal-*fluorspar*.

(75) Din is-sistema għaddiet minn xi tibdil matul dawn l-aħħar snin: il-kwota ta' l-esportazzjoni tneħħiet f'nofs l-1998, b'hekk mit-tieni nofs ta' l-1998 baqa' fis-seħħ biss il-piż fuq il-liċenzi ta' l-esportazzjoni. Fil-bidu ta' l-1999, l-awtoritajiet Ċiniżi reġgħu daħħlu l-kwota. Fl-1998, il-piż tal-liċenza kien medjament ta' madwar ECU 20,3 għal kull tunnellata metrika. Dan jimplika li jekk l-esportazzjoni jsiru f'livell ta' ECU 113,5, il-prezz attwali ta' l-esportazzjoni mingħajr il-piż tal-liċenza ikun ta' ECU 93,2.

- (76) L-applikant talab li s-sistema ta' liċenzi Ċiniża tista' titneħħa dalwaqt, u dan bil-biża li l-esportazzjoni Ċiniża tal-*fluorspar* lill-Komunità jistgħu jiżiedu bi prezzijiet irħas, jekk il-miżuri kontra *d-dumping* jitħallew jintemmu.
- (77) L-esportaturi/kummerċjanti Ċiniżi argumentaw li s-sistema ta' liċenzi kienet intiża biex tipproteġi r-risorsi tal-*fluorspar* u tiżgura li s-suq tal-*fluorspar* huwa stabbli u ta' min joq-għod fuqu u li ma kien hemm l-ebda raġuni biex wieħed jassumi li s-sistema kienet dalwaqt ser titneħħa. Huma komplew żiedu li, jekk il-miżuri kontra *d-dumping* ma jtkomplewx, is-sistema ta' liċenza ma titneħħiex.
- (78) Kien ikkunsidrat li kull presunzjoni fuq żviluppi futuri tas-sistema tal-liċenza kienet pjuttost spekulattiva. Madankollu, analiżi tas-sistema ta' liċenza turi li din ġiet modifikata diversi drabi minn meta ddaħlet, inkluż it-trażżin tas-sistema tal-kwoti fl-1998. Barra minn dan, l-ammont konsiderevoli tal-piż fuq il-liċenza Ċiniża juri l-potenzal tal-produtturi Ċiniżi tal-*fluorspar* li jbiegħu bi prezzijiet baxxi ħafna. Fuq kollox, l-eżistenza ta' sistema ta' liċenza fuq l-esportazzjoni mibdija u amministrata minn gvernijiet ta' pajjiż terz bl-iskop li jiġu ppreservati r-risorsi ma tistax toqgħod fuqha biex tikkonkludi jekk *d-dumping* iingurjuż hux se jtkompla jew le.

(ċ) *L-evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni Ċiniża lill-Komunità*

- (79) Il-miżuri kontra *d-dumping* jidhru li wasslu għall żieda progressiva fil-prezzijiet ta' l-esportazzjoni imħaddma mill-produtturi Ċiniżi. Għalhekk, it-tneħħija tal-miżuri jistgħu idawru s-sitwazzjoni u jwasslu għall-tnaqqis fil-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kif muri bl-esperjenza matul l-1998 u l-ammont konsiderevoli tal-piż fuq il-liċenza ta' l-esportazzjoni Ċiniża.
- (80) Barra minn hekk, f'numru ta' drabi matul l-1998 intwera li utenti xtraw *fluorspar* Ċiniż taħt il-prezzijiet minimi u għalhekk kellhom iħallsu dazji kontra *d-dumping*.

2. Konsegwenzi probabbli bit-tneħħija tal-miżuri kontra *d-dumping* fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità

- (81) Fl-ewwel lok, għandu jiġi nnutat li wara l-IP, wieħed mill-produtturi applikanti tal-Komunità waqqaf il-produzzjoni tiegħu tal-*fluorspar* meta tilef l-ikbar klijent tiegħu lill-kompetizzjoni Ċiniża. Il-fatt li dan ġara meta l-miżuri kontra *d-dumping* kienu fis-seħħ, juri l-potenzal ta' iżjed ħsara lill-industrija tal-Komunità jekk jitneħħew il-miżuri kontra *d-dumping*.
- (82) It-tieni, l-investigazzjoni uriet li anki bil-miżuri kontra *d-dumping* fis-seħħ, il-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità

kienu taħt pressjoni mill-importazzjoni ikkonċernati. Huwa mistenni li fl-assenza ta' miżuri, il-prezzijiet, li l-investigazzjoni uriet li ġew affetwati positivamente bil-miżuri kontra *d-dumping*, jibdeu jonqsu u l-bejgħ taħt il-prezzijiet jibqa' flivelli ikbar. Il-potenzal għat-tnaqqis fil-prezzijiet Ċiniżi huwa rifless fl-ammonti mħallsa għall-piż fuq il-liċenza ta' l-esportazzjoni azzjoni, li fl-1998 medjament tammonta għal ECU 20,3. Meta jitnaqqas dan l-ammont mill-prezzijiet ta' l-esportazzjoni, il-margġinu tal-bejgħ taħt il-prezz jista' jiġi stmat għal 26,7 %. Huwa mistenni li dan il-bejgħ taħt il-prezz iwassal għal telf kbir fl-industrija tal-Komunità.

- (83) It-tielet, huwa mistenni li fl-assenza ta' miżuri kontra *d-dumping* ammonti kbar ta' importazzjoni ta' *fluorspar* oġġetti ta' *dumping* bi prezz baxx ikun presenti fis-suq tal-Komunità. Minħabba f'hekk il-produtturi tal-Komunità jistgħu jtilfu volum ta' bejgħ u sehem mis-suq ikbar lill-esportaturi Ċiniżi.

3. Konklużjoni dwar iċ-ċans tal-kontinwazzjoni tal-ħsara

- (84) Jittieħed akkont li:

- Produtturi Ċiniżi tal-*fluorspar* żiedu b'ħafna l-kapaċità ta' produzzjoni tagħhom, b'new ħażniet kbar u kellhom livell baxx ta' użu ta' kapaċità,
- l-evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' esportazzjoni cif Ċiniżi ġew influwenzati ħafna mill-miżuri kontra *d-dumping* fis-seħħ u l-eżistenza ta' sistema ta' liċenza ta' esportazzjoni imposta mill-gvern tar-RPĊ. Din is-sistema ma tistax tkun ikkunsidrata bħala garanzija li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ser jinżammu, fl-assenza ta' miżuri kontra *d-dumping*,
- il-prezzijiet li l-esportaturi Ċiniżi jitolbu fl-assenza ta' miżuri kontra *d-dumping* huma potenzjalment baxxi ħafna b'mod partikolari jekk jittieħed akkont ta' l-ammont tal-piż tal-liċenza fuq l-esportazzjoni mħallas, li jindika ċans kbir li l-bejgħ taħt il-prezz ser jtkompla,
- is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità għadha prekarja,
- il-fatt li nstabu numru ta' istanzi fejn l-utenti fil-Komunità xtraw *fluorspar* Ċiniż taħt il-prezz ta' importazzjoni minimu,

huwa konkluż li l-ħsara ikkwazata bl-importazzjoni ta' l-oġġetti ta' *dumping* Ċiniżi x'aktarx tiżdied jekk il-miżuri fis-seħħ jitneħħew u s-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tista' tmur għall-agħar f'dan il-każ.

H. INTERESS KOMUNI

- (85) Skond l-Artikolu 21 tar-Regolament Bażiku, kien eżaminat jekk setgħax jiġi konkluż b'mod ċar li ż-żamma tal-miżuri kontra *d-dumping* huwiex kontra l-interessi tal-Komunità. Id-determinazzjoni tal-interessi tal-Komunità kienet ibbażata fuq apprezzament ta' l-interessi varji kollha involuti meħuda f'daqqa, i.e. dawk ta' l-industrija tal-Komunità, l-importaturi kif ukoll l-utenti tal-prodott ikkonċernat.
- (86) Għandu jiġi mfakkar, li fl-investigazzjoni ta' qabel, l-għażla tal-miżuri kontra *d-dumping* li kienu jikkonsistu fi prezz minimu ma kienux ikkunsidrati bħala li jmorru kontra l-interessi tal-Komunità. Għandu jiġi nmutat li l-investigazzjoni preżenti hija reviżjoni, li titlob reviżjoni tas-sitwazzjoni meta l-miżuri kontra *d-dumping* diġa huma fis-seħħ. B'hekk, iż-żmien u n-natura ta' l-investigazzjoni preżenti tħalli li ssir stima ta' xi impatt negattiv li jista' jkun hemm bil-miżuri kontra *d-dumping* taħt reviżjoni.
- (87) Biex issir stima ta' l-impatt possibbli bil-kontinwazzjoni jew le tal-miżuri, il-Kummissjoni talbet informazzjoni fil-forma ta' kwestjonarji mill-partijiet interessati kollha msemmija hawn fuq. L-ebda importatur ma rrisponda għall-kwestjonarji Disa' utenti rrispondew għall-kwestjonarji.

1. Interess ta' l-industrija tal-Komunità

- (88) L-investigazzjoni uriet li l-industrija tal-Komunità bbenefikat mil-miżuri fis-seħħ kontra *d-dumping*. Fi snin reċenti, hi għamlet sforz kbir biex tirraġa il-produttività permezz ta' razzjonalizzar. Fil-fatt, il-produttività ta' l-industrija tal-Komunità żdiedet b'33 % matul il-perjodu eżaminat u saru investimenti kontinwi matul l-istess perjodu. Il-livell ta' investimenti kien kbir b'mod speċjali fl-1998, u dan juri li l-industrija hija vijabbli u determinata li tibqa' taħdem.
- (89) Madankollu, is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità għadha f'diffikulta, speċjalment f'termini ta' profittabilità. F'dan il-kuntest, kull bidla fl-ambjent kummerċjali tal-prodott ikkonċernat jista' jwassal għall-effett kuntraju fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-*fluorspar* tal-Komunità.
- (90) F'dan il-kuntest, kien ikkunsidrat li jekk il-miżuri ma jtikomplewx, is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tmur għall-aġar. Il-kontinwazzjoni tal-miżuri, b'hekk, jiżguraw l-interessi ta' l-industrija tal-Komunità.

2. Interess ta' l-importaturi

- (91) L-ebda importatur li mhux relatat ma' rrisponda għall-kwestjonarji. In-nuqqas ta' koperazzjoni tista' tkun indikazzjoni li l-miżuri kontra *d-dumping* imposti f'Marzu

tal-1994 ma kellhomx ma kellhomx effett kuntrarju sinjifikanti fuq l-importaturi. Dan jista' jiġi sostnut bil-fatt li l-importazzjoni mir-RPĊ komplew jikbru matul il-perjodu eżaminat u għalhekk l-importaturi setgħu ikomplu jakkwistaw mir-RPĊ

- (92) Fid-dawl ta' dak li ingħad hawn fuq, ġie għalhekk konkluż li kontinwazzjoni tal-miżuri mhumiex se jwasslu biex is-sitwazzjoni ekonomika tagħhom teħżien fil-futur.

3. Interess ta' l-industrija utenti

(a) Rimarki preliminari

- (93) *Fluorspar* hija materja prima bażika għal numru kbir ta' prodotti mexxejja b'valur miżjud għoli ħafna. L-ewwel pass biex jiġi trasformat il-*fluorspar* huwa l-produzzjoni ta' l-aċidu idrofloriku (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ bħala "HF") li wara huwa użat għall-produzzjoni ta' fluworikarboni (neċessarju għar-refriġeranti, solventi u raġħwa tal-plastika), fluworidu ta' l-aluminju (għall-prodotti ta' l-aluminju) u derivattivi kimiċi oħra.

(b) data miġbura mill-partijiet koperattivi

- (94) Fl-1998, l-utenti koperattivi xtraw l-importazzjoni kollha tal-*fluorspar* mir-RPĊ u madwar 80 % tal-bejgħ tal-*fluorspar* magħmul mill-industrija tal-Komunità.
- (95) Fl-1998, dawn il-kumpanniji rrapreżentaw valur tal-bejgħ ta' 26 465 miljun ECU li minnhom 682 mijun ECU (2,6 %) kienu minn applikazzjonijiet ta' derivattivi tal-*fluorspar*. L-industrija utenti tal-*fluorspar* hija magħmulha minn kumpanniji żgħar, ta' daqs medju u kbar li għamlu investimenti sinifikattivi fl-1998. Il-profitabilità peżata medja tad-derivattivi fis-settur tal-*fluorspar* kiber minn 3,7 % fl-1996 għal 6,3 % fl-1998.

- (96) L-investigazzjonijiet urew li l-*fluorspar* jirrapreżenta madwar 30 % ta' l-ispejjeż totali tal-HF u bejn 5 % u 20 % għad-derivattivi tal-HF.

(c) Argumenti mressqa mill-utenti

(i) Dipendenza fuq l-importazzjoni

- (97) Xi utenti sostnew li ż-żamma tal-miżuri mhijiex fl-interess tal-Komunità peress li l-utenti huma dipendenti fuq l-importazzjoni minħabba l-kapaċità ta' produzzjoni limitata għad-disposizzjoni fil-Komunità. F'dan ir-rispett huma sostnew li l-kontinwazzjoni tal-miżuri kontra *d-dumping* seta' joħloq nuqqas fil-provvista fil-Komunità billi id-domanda tal-*fluorspar* qed tikber u dan dovut għat-tagħqid ta' sviluppi teknoloġiċi u regulatorji.

- (98) L-industrija tal-Komunità ma argumentatx kontra l-fatt li importazzjoni minn pajjiżi terzi huma b'zonnjużi biex jilhqg mad-domanda tal-*fluorspar* tal-Komunità. Hi sostniet mhuwiex li ma tħallix importazzjoni barra mill-Komunità iżda biex tiżgura li dawn l-importazzjoni isiru bi prezzijiet imparzjali.
- (99) L-investigazzjoni uriet li l-misuri kontra *d-dumping* fis-seħħ ma waqqfux lill-importazzjoni Ċiniżi milli jodhlu fis-suq tal-Komunità. Fil-fatt, bejn l-1994 u l-1998 importazzjoni mir-RPĊ żdiedu b'146 %, wara żieda fid-domanda għall-*fluorspar*. Fl-istess waqt, l-industrija tal-Komunità ukoll żiedet il-bejgħ tagħha b'58 %.
- (100) Fid-dawl ta' dak li ingħad hawn fuq, iż-żamma tal-miżuri ma għandux ma' jħallix lill-utenti milli jixtru mir-RPĊ, billi iż-żamma ta' xibka ta' sigurtà għandha tgħin lill-industrija tal-Komunità biex tirkupra kompletament mill-ħsara sofferta. Minn dak li ingħad hawn fuq huwa wkoll diffiċli li jista' jkun hemm nuqqas fil-provvista jekk il-miżuri kontra *d-dumping* jinżammu.
- (ii) Żvantaġġ kompetittiv
- (101) Xi utenti sostnew li l-miżuri kontra *d-dumping* imposti fuq il-*fluorspar* Ċiniż ser iwassal għall-prezzijiet għolja u artifiċjali fil-Komunità li jwassal sabiex l-utenti tal-*fluorspar* ikunu fi żvantaġġ kompetittiv f'dak li għandu x'jaqsam mal-kompetituri tagħhom tal-Komunità li ma jixtrux mir-RPĊ kif ukoll f'dak li għandha x'taqsam il-kompetizzjoni internazzjonali. Dan jirriżulta f'rilokazzjoni ta' produzzjoni HF lejn l'US u r-RPĊ fejn l-aċċess għall-*fluorspar* huwa irħas bit-telf ta' impjegji li jiġi wara, investimenti u qliegħ fil-Komunità f'industrija ta' valur miżjud għoli li hija vitali għall-kompetittività futura ta' l-industrija utenti tal-*fluorspar* tal-Komunità.
- (102) L-industrija tal-Komunità sostniet li matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri, l-industrija mexxejja għamlet investimenti sinifikanti fil-Komunità, li jmieri l-argument tar-rilokazzjoni.
- (103) Instab li bejn l-1996 u l-1998, saru investimenti sinifikanti investments mill-industrija utenti tal-*fluorspar* fil-Komunità. à. Fil-fatt matul l-1998, il-prezzijiet ta' l-importazzjoni Ċiniżi ġo l-US kienu 7 % għola minn dawk ta' l-importazzjoni Ċiniżi fis-suq tal-Komunità. Il-qliegħ ta' l-utenti żdiedu medjament minn 3,7 % fl-1996 għal 6,3 % fl-1998 minkejja il-miżuri kontra *d-dumping* fis-seħħ.
- (104) Għal dak li għandu x'jaqsam, b'mod iktar speċifiku, ir-rilokazzjoni tal-prodotti HF fir-RPĊ, għandu jiġi nnutat li HF huwa prodott perikoluż ħafna li mhuwiex adattat għall-vjaġġi twal ħafna. Fil-prattika dan ifisser li r-rilokazzjoni ta' prodotti HF fir-RPĊ tkun teħtieġ ir-rilokazzjoni totali ta' l-industrija mexxejja fir-RPĊ. Informazzjoni pprovduta mill-utenti koperattivi dwar il-perjodu meta l-miżuri kontra *d-dumping* kienu fis-seħħ jidher li jmur kontra dak li ingħad hawn fuq. Fil-fatt, l-utenti għamlu investimenti sinifikattivi fil-Komunità fuq prodotti mexxejja matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri kontra *d-dumping*. Fid-dawl ta' dak li qed jingħad hawn fuq, ir-rilokazzjoni ta' l-industrija *downstream* kollha fir-RPĊ, jekk il-miżuri kontra *d-dumping* jitħallew ikomplu, ma tidhirx possibli.
- (105) Fid-dawl ta' dak li qed jingħad hawn fuq, iż-żamma ta' miżuri kontra *d-dumping* fil-forma kurrenti tagħhom ma jidhirx li ser tikkawża xi svantaġġ kompetittiv għall-industrija utenti.
- (iii) Egħjun alternattiv ta' provvista
- (106) Numru kbir ta' prodotti derivattivi tal-*fluorspar* jiddependu mill-importazzjoni tal-*fluorspar*. L-utenti sostnew li fil-*fluorspar* li mhux Ċiniż hemm ħafna impurità, i.e. cioè fil-*fluorspar* Kenjan u Messikan, u dan jispjega għaliex l-egħjun prinċipali u ta' min jorbot fuqu ta' provvista huwa r-RPĊ. Għalhekk, il-kontinwazzjoni ta' miżuri kontra *d-dumping* fuq importazzjoni mir-RPĊ tfixkel l-aċċess ta' utenti minn *fluorspar* ta' kwalità tajba.
- (107) L-ewwel, għandu jiġi nnutat li, għalkemm hemm differenzi fil-purità, importazzjoni minn pajjiżi oħra żdiedu matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri kontra *d-dumping*, wara żieda fid-domanda. Per eżempju, importazzjoni mill-Messiku ġew immultiplikati b'sitta filwaqt li importazzjoni mill-Kenja żdiedu b'57 %. Dan jidher li jindika li dan il-*fluorspar* huwa adattat għal ċertu tip ta' applikazzjonijiet mexxejja.
- (108) It-tieni, iż-żieda sostanzjali fl-importazzjoni mir-RPĊ jindika li l-miżuri imposti fl-1993 ma kellhomx l-effett li jħallu barra l-importazzjoni Ċiniżi mis-suq tal-Komunità iżda rriżulta f'żieda fil-prezzijiet.
- (109) Għalhekk ġie konkluż li t-tkomplija tal-miżuri kontra *d-dumping* mhijiex se twassal faċċess inqas għall-*fluorspar* għall-kwalità jiet kollha għall-utenti.

4. Konklużjoni fuq l-interess tal-Komunità

- (110) Wara li ġew analizzati l-interessi varji involuti instab li t-tkomplija tal-miżuri kontra *d-dumping* x'aktarx jirriżultaw fi prezz relattivament stabbli għall-*fluorspar* fis-suq tal-Komunità, li matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri fis-seħħ jidhru li ma għandhomx effett negattiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-utenti. Barra minn hekk, li tħalli l-industrija tal-Komunità mingħajr protezzjoni kontra importazzjoni li huma l-oġġett ta' *dumping* tista' biss taggrava s-sitwazzjoni prekarja tagħha u tipperikola il-viabbilità tagħha.
- (111) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa konkluż li ma hemmx raġunijiet obbligatorji għall-raġunijiet ta' interess tal-Komunità kontra iż-żamma tal-miżuri kontra *d-dumping* fil-każ preżenti.

I. REVIŻJONI INTERIM

- (112) L-esportaturi Ċiniżi/kummerċjanti sostnew li l-bidu tar-reviżjoni interim, illimitata fl-iskop għall-forma tal-miżuri, kienet illegali peress li ma kienet ippreżentata l-ebda prova li turi il-bżonn ta' bidla fil-forma tal-miżura. F'dan ir-rispett huma sosntew li t-talba għar-reviżjoni skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Bażiku ma kienx fih informazzjoni dwar l-effikaċja tal-miżuri kontra *d-dumping* fis-seħħ.
- (113) Għandu jiġi msemmi li r-reviżjoni *interim* illimitata għall-forma tal-miżuri kienet mibdija ex uffiċċju mill-Kummissjoni. Din l-inizjazzjoni kienet ibbażata fuq raġunijiet li l-informazzjoni misjuba fit-talba għar-reviżjoni skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Bażiku ippreżentat mill-applikant kien fiha indikazzjonijiet tat-tfixkil ta' l-effikaċja tal-miżuri kkonċernati.
- (114) L-investigazzjoni uriet li, għalkemm l-industrija tal-Komunità tilfet sehem mis-suq matul il-perjodu eżaminat, il-miżura kontra *d-dumping* fil-forma kurrenti tagħha ħallet lill-industrija tal-Komunità tgħolli l-prezzijiet u għalhekk tnaqqas mit-telf, b'mod partikolari matul il-perjodu bejn l-1996 u l-1998. Madankollu, id-dewmien tal-miżura ma ħallet lill-industrija tal-Komunità biex tirkupra kompletament, partikolarment f'termini ta' profittabilità. Għalhekk, għal dak li għandu x'jaqsam mal-effikaċja tal-miżura, il-forma kurrenti tagħha tidher li hi xierqa biex trodd lura kompletament is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità u għalhekk m'għandiex tiġi modifikata.
- (115) Fl-aħħar nett, għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-utenti, l-investigazzjoni uriet li l-miżuri kontra *d-dumping* fil-forma kurrenti ma affetwawx is-sitwazzjoni ta' l-utenti b'mod sinifikattiv.

- (116) Huwa għalhekk konkluż li l-miżuri kontra *d-dumping* għandhom jinżammu fil-forma kurrenti.

J. MIŻURI KONTRA D-DUMPING

- (117) Il-partijiet kollha ikkonċernati ġew infurmata bil-fatti essenzjali u l-konsiderazzjonijiet fuq il-bażi ta' xhiex kien hemm il-ħsieb li jsiru r-rakommandazzjonijiet biex il-miżuri preżenti jinżammu. Huma ġew mogħtija perjodu li fih setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara l-*"isvelar"*. Rappreżentazzjonijiet wara l-*"isvelar"* finali ġew meħuda f'konsiderazzjoni.
- (118) Isegwi wara dak li ingħad hawn fuq li, kif previst b'L-Artikolu 11(2) tar-Regolament Bażiku, id-dazju kontra *d-dumping* kalkulat fuq il-bażi tal-prezz minimu ta' ECU 113,50 għal kull tunnellata metrika ta' importazzjoni ta' *fluorspar* li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu Ċiniż imposta b'Regolament (EC) Nru 486/94 għandu jinżamm,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

- Dwana definittiva kontra *d-dumping* hija hawnhekk imposta fuq l-importazzjoni tal-*fluorspar* bħala kejk iffiltrat jew fi forma ta' trab, li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2529 21 00 (kodiċi TARIC 2529 21 00 10) jew kodiċi NM ex 2529 22 00 (kodiċi NM 2529 22 00 10), li joriġina fir-Repubblika Popolari Ċiniża.
- Id-dwana għandha tkun daqs id-differenza bejn il-prezz minimu ta' EUR 113,50 għall-kull tunnellata metrika (peżati netti niexfin) u l-prezz nett, ħieles fuq il-fruntiera tal-Komunità, qabel l-iżdoganar.
- F'każi fejn il-merkanzija saritilha il-ħsara qabel daħlet fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa u, għalhekk, il-prezz li fil-fatt hu mħallas hu maqsum għad-determinazzjoni tal-valur tad-Dwana skond l-artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93⁽¹⁾, il-prezz minimu ta' l-importazzjoni msemmi hawn fuq għandu jiġi mnaqqas bi perċentwali li jikkorrispondi għal-qsim tal-prezz fil-fatt mħallas jew li għandu jiġi mħallas. Id-dazju li għandu jitħallas għandu jkun daqs id-differenza bejn il-prezz minimu ridott ta' l-importazzjoni u l-prezz ridott, ħieles fuq il-fruntiera tal-Komunità, qabel l-iżdoganar.
- Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, id-disposizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji tad-dwana għandhom japplikaw.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

(1) ĠU L 253 tal-11.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat b'Regolament (KE) Nru 1662/1999 (ĠU L 197, ta' l-20.7.1999, p. 25).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Settembru 2000.

F'isem il-Kunsill

Il-President

H. VÉDRINE
